II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (UE) Nru 1116/2010

tat-2 ta' Diċembru 2010

li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2010/2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2006 tal-10 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 dwar l-iffissar u l-għoti ta' rifużjonijiet aġġustati fir-rigward ta' ċereali esportati fil-forma ta' ċertu xorb spirituż (alkoħoliku) [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006 jipprovdi li l-kwantitajiet taċ-ċereali eliġibbli għar-rifużjoni għandhom ikunu l-kwantitajiet ta' ċereali mqiegħda taħt il-kontroll u ddistillati, piżati b'koeffiċjent li jiġi ffissat kull sena għal kull wieħed mill-Istati Membri konċernati. Dan il-koeffiċjent jesprimi r-relazzjoni bejn il-kwantitajiet totali esportati u l-kwantitajiet totali mqiegħda fis-suq tax-xorb alkoħoliku konċernat, abbażi tax-xejra osservata f'dawn il-kwantitajiet matul l-għadd ta' snin li jikkorrispondi għall-perjodu medju taż-żmien tal-maturazzjoni ta' dan ix-xorb alkoħoliku.

(2) Abbażi tat-tagħrif fornut mill-Irlanda u li jirrigwarda l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2009, dan il-perjodu medju tal-maturazzjoni fl-2009 kien ta' ħames snin għall-Irish whiskey.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu ffissati l-koeffiċjenti għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2011.

(4) L-Artikolu 10 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jeskludi l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn Liechtenstein, l-Islanda u n-Norveġja. Barra minn hekk, l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ma' ċerti pajjiżi terzi li jabolixxu r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Għalhekk jeħtieġ li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, dan jitqies fil-kalkolu tal-koeffiċjenti għall-perjodu 2010/2011.

(5) L-effetti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 81/2010 tat-28 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti applikabbli għaċ-ċereali esportati fil-forma ta' Irish whiskey għall-perjodu 2009/2010 [3] ġew eżawriti minħabba li dan ir-Regolament jirrigwarda l-koeffiċjenti applikabbli għas-sena 2009/2010. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, dan ir-Regolament għandu jiġi rrevokat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2011, il-koeffiċjenti pprovduti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006, applikabbli għaċ-ċereali użati fl-Irlanda fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 81/2010 għandu jiġi rrevokat.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 312, 11.11.2006, p. 33.
[3] ĠU L 25, 29.1.2010, p. 10.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Il-koeffiċjenti applikabbli fl-Irlanda		
Perjodu ta' applikazzjoni	Koeffiċjent applikabbli	
	għax-xgħir utilizzat fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, kategorija B [1]	għaċ-ċereali utilizzati fil-produzzjoni tal-Irish whiskey, kategorija A
Mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2011	0,030	0,102

[1] Inkluż ix-xgħir ipproċessat f'malt.